16 01 02 74	Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, l-Infrastruttura u l-Ambjent — Kontribuzzjoni mill-Fond tal-Innovazzjoni	O	p.m.		p.m.
	<i>Artikolu 16 01 02 — Sub-total</i>		p.m.		p.m.
<b>16 01 03</b>	<b>Faċilità Ewropea tal-Paċi</b>	O	p.m.		p.m.
<b>16 01 04</b>	<b>Kummissjoni</b>	O	p.m.		p.m.
<b>16 01 05</b>	<b>Fond Ewropew għall-Iżvilupp</b>	O	p.m.		p.m.
<b>16 01 06</b>	<b>Nefqa ta' Appoġġ għall-Faċilità għall-Ukrajna</b>			38 612 000	38 612 000
	<b>Kapitolu 16 01 — Total</b>		<b>p.m.</b>	<b>38 612 000</b>	<b>38 612 000</b>

### Artikolu 16 01 06 — Nefqa ta' Appoġġ għall-Faċilità għall-Ukrajna

### Figuri

Appropriazzjonijiet 2024	Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024	Ammont ġdid
	38 612 000	38 612 000

### Kummenti

#### Artikolu Ġdid

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Faċilità tal-Ukrajna, b'mod partikolari l-kostijiet għall-persunal estern fil-kwartieri ġenerali u fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni (persunal kuntrattwali, persunal lokali, esperti nazzjonali sekondati jew persunal tal-aġenzija), u kwalunkwe kost ieħor relatat mal-persunal estern iffinanzjat taħt din il-partita.

Hija maħsuba wkoll biex tkopri spejjeż oħra għall-implimentazzjoni tal-Faċilità, bħal azzjonijiet preparatorji, il-monitoraġġ inkluż ta' proġetti u riformi fuq il-post, l-attivitajiet ta' kontroll, awditjar u evalwazzjoni, li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Faċilità u l-kisba tal-oġġettivi tagħha, b'mod partikolari studji, laqgħat ta' esperti, konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet Ukreni, konferenzi, konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, azzjonijiet ta' informazzjoni u komunikazzjoni, inklużi azzjonijiet inklużivi ta' sensibilizzazzjoni, u komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni. Tinkludi wkoll l-ispejjeż marbuta man-networks tal-IT li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju ta' informazzjoni, l-għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni, u l-assistenza teknika u amministrattiva l-oħra kollha u spejjeż oħra ta' attivitajiet ta' appoġġ imġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni u l-kostijiet tal-Faċilità fil-kwartieri ġenerali u fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni.

#### Bażi ġuridika

#### Ara l-Kapitolu 16 06

## KAPITOLU 16 04 — GARANZIJA TAL-UNJONI EWROPEA GĦALL-OPERAZZJONIJIET TA' GĦOTI U TEĦID B'SELF

### Figuri

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024	Pożizzjoni tal- Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
				Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
16 04	Garanzija tal-Unjoni Ewropea għall-operazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self						
<b>16 04 01</b>	<b>bilanċ tal-pagamenti</b>						
16 04 01 01	Unjoni Ewropea għal teħid b'self mill-Unjoni għas-sostenn għall-bilanċ tal-pagamenti	O	p.m.			p.m.	p.m.
	<i>Artikolu 16 04 01 — Sub-total</i>		p.m.			p.m.	p.m.
<b>16 04 02</b>	<b>Euratom</b>						
16 04 02 01	Euratom	O	p.m.			p.m.	p.m.
	<i>Artikolu 16 04 02 — Sub-total</i>		p.m.			p.m.	p.m.
<b>16 04 03</b>	<b>Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja (EFSM)</b>						
16 04 03 01	Unjoni Ewropea għal self tal-Unjoni li sar għal assistenża finanzjarja taħt il-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabilizzazzjoni Finanzjarja (European Financial Stabilisation Mechanism, EFSM)	O	p.m.			p.m.	p.m.
16 04 03 02	rikavati tas-sorveljanza baġitarja infurzata se jiġu ttrasferiti lill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (MES)	O	p.m.			p.m.	p.m.
	<i>Artikolu 16 04 03 — Sub-total</i>		p.m.			p.m.	p.m.
<b>16 04 04</b>	<b>istrument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE)</b>						
16 04 04 01	Unjoni Ewropea għal self tal-Unjoni li sar għal assistenża finanzjarja taħt SURE	O	p.m.			p.m.	p.m.
	<i>Artikolu 16 04 04 — Sub-total</i>		p.m.			p.m.	p.m.
<b>16 04 05</b>	<b>Unjoni Ewropea (EURI)</b>						
16 04 05 01	Unjoni Ewropea għal self tal-Unjoni li sar għal assistenża finanzjarja taħt EURI	O	p.m.			p.m.	p.m.
	<i>Artikolu 16 04 05 — Sub-total</i>		p.m.			p.m.	p.m.
<b>16 04 06</b>	<b>Faċilità għall-Ukrajna</b>					p.m.	p.m.
	<b>Kapitolu 16 04 — Total</b>		<b>p.m.</b>			<b>p.m.</b>	<b>p.m.</b>

### Kummenti

Il-linji baġitarji inklużi f'dan il-kapitolu jikkostitwixxu prinċipalment l-istruttura għal diversi garanziji pprovduti mill-Unjoni fil-qafas ta' strumenti jew mekkaniżmi ta' assistenża finanzjarja lill-Istati Membri u l-Ukrajna. Huma se jippermettu li l-Kummissjoni tagħmel tajjeb għad-dejn jekk xi wieħed minnhom jispiċċa inadempjenti.

Sabiex tonora l-obbligi tagħha, il-Kummissjoni tista' tuża r-riżorsi tagħha fi flus biex tħallas id-dejn provviżorjament. F'dan il-każ japplika l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 609/2014 tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-metodi u l-proċedura li jintużaw biex jitqiegħdu għad-dispożizzjoni r-riżorsi proprji tradizzjonali, dawk ibbażati fuq il-VAT u dawk ibbażati fuq l-ING u dwar il-miżuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet fi flus kontanti (Riformulazzjoni) (ĠU L 168, 7.6.2014, p. 39).

Anness speċifiku f'din it-taqsimha jagħti sommarju tal-operazzjonijiet mutwatarji u mutwanti garantiti mill-baġit ġenerali, inkluż l-immaniġġar tad-dejn, fir-rigward tal-kapital u tal-imgħax.

## Artikolu 16 04 06 — Faċilità għall-Ukrajna

### Figuri

Approprjazzjonijiet 2024	Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
			p.m.	p.m.

### Kummenti

#### Artikolu Ġdid

Il-Faċilità tal-Ukrajna għandha tipprovdi assistenza lill-Ukrajna fil-forma ta' appoġġ finanzjarju u self mhux ripagabbli. Is-self taħt il-Faċilità għandu jikkostitwixxi assistenza finanzjarja skont it-tifsira tal-Artikolu 220(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 u għandu jkun kopert mill-garanzija tal-baġit tal-Unjoni Ewropea lil hinn mil-limiti massimi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Konsegwentement, l-ebda proviżjonament għas-self taħt il-Faċilità tal-Ukrajna ma għandu jiġi kkostitwit u, b'deroga mill-Artikolu 211(1) tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046, ma għandha tiġi stabbilita l-ebda rata ta' proviżjonament. Din il-partita għandha tippermetti lill-Kummissjoni, jekk ikun meħtieġ, tħallas id-dejn f'każ li l-Ukrajna tkun inadempjenti.

Bl-istess mod, din il-partita għandha l-għan li tippermetti lill-Kummissjoni tkopri t-telf ta' kreditu ta' operazzjonijiet inadempjenti koperti mill-Garanzija tal-Ukrajna fiċ-ċirkostanza li l-proviżjonament kostitwit mhuwiex biżżejjed.

### Bażi ġuridika

Ara Kapitolu 16 06.

## KAPITOLU 16 06 — FAĊILITÀ GĦALL-UKRAJNA

### Figuri

Titulu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Approprjazzjonijiet 2024		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
		Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
16 06	Faċilità għall-Ukrajna						
<b>16 06 01</b>	<b>Pilastru I: Pjan għall-Ukrajna</b>			3 000 000 000	3 000 000 000	3 000 000 000	3 000 000 000
<b>16 06 02</b>	<b>Pilastru II: Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna</b>						
16 06 02 01	Proviżjonament tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni			819 000 000	200 000 000	819 000 000	200 000 000
16 06 02 02	Azzjonijiet oħra taħt il-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna			527 065 000	210 826 000	527 065 000	210 826 000
	<i>Artikolu 16 06 02 — Sub-total</i>			1 346 065 000	410 826 000	1 346 065 000	410 826 000
<b>16 06 03</b>	<b>Pilastru III: Assistenza tal-Unjoni għall-adeżjoni u miżuri ta' appoġġ</b>						
16 06 03 01	Assistenza ta' adeżjoni tal-Unjoni u miżuri oħra			155 000 000	77 500 000	155 000 000	77 500 000
16 06 03 02	Sussidju għall-kostijiet tas-self			195 333 904	195 333 904	195 333 904	195 333 904
16 06 03 03	Proviżjonament tal-Fond ta' proviżjonament Komuni - Legat			32 533 128	32 533 128	32 533 128	32 533 128
	<i>Artikolu 16 06 03 — Sub-total</i>			382 867 032	305 367 032	382 867 032	305 367 032
	<b>Kapitolu 16 06 — Total</b>			<b>4 728 932 032</b>	<b>3 716 193 032</b>	<b>4 728 932 032</b>	<b>3 716 193 032</b>

## Kummenti

### Kapitolu ġdid

L-approprijazzjonijiet taħt dan il-kapitolu huma maħsuba biex jipprovdu appoġġ finanzjarju prevedibbli lill-Ukrajna matul il-perjodu 2024-2027. Il-Faċilità se tappoġġa l-isforzi tal-Ukrajna biex issostni l-istabbiltà makrofinanzjarja, tippromwovi l-irkupru kif ukoll timmodernizza l-pajjiż filwaqt li timplimenta riformi ewlenin fit-triq tal-adeżjoni tagħha mal-UE. Il-Faċilità hija mfassla bħala strument flessibbli, adattat għall-isfidi bla preċedent tal-appoġġ ta' pajjiż fi gwerra, filwaqt li tiżgura l-prevedibbiltà, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-fondi.

Ir-riżorsi massimi għall-implimentazzjoni tal-Faċilità huma ta' EUR 50 000 000 000 (fi prezzijiet attwali) għall-2024–2027, li minnhom sa EUR 33 000 000 000 fil-forma ta' self u sa EUR 17 000 000 000 fil-forma ta' appoġġ għajr fil-forma ta' self, li huwa rilevanti għan-nefqa taħt dan il-kapitolu. L-appoġġ disponibbli għajr fil-forma ta' self f'sena partikolari ma għandux jaqbeż l-EUR 5 000 000 000, f'konformità mad-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament QFP. L-Istati Membri, il-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew sorsi oħra jistgħu jipprovdu kontribuzzjonijiet finanzjarji addizzjonali lill-Faċilità. Skont l-Artikoli 21, 22 u 24 tar-Regolament Finanzjarju, kull dħul assenjat imdaħħal fid-dikjarazzjoni tad-dħul jagħti lok għall-għoti ta' approprijazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni f'konformità ma' dan il-kapitolu.

L-ammonti stmati relatati kif ukoll l-oġġett jew il-partita korrispondenti tad-dikjarazzjoni tad-dħul huma indikati, kull fejn possibbli, fil-linji baġitarji rilevanti.

### Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1) u b'mod partikolari t-Titolu X tiegħu.

### Atti ta' referenza

Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.02.2024).

Regolament (UE) 2024/792 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Ukrajna (ĠU L, 2024/792, 29.02.2024).

### Artikolu 16 06 01 — Pilastru I: Pjan għall-Ukrajna

#### Figuri

Approprijazzjonijiet 2024		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
		3 000 000 000	3 000 000 000	3 000 000 000	3 000 000 000

## Kummenti

### Artikolu Ġdid

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-appoġġ finanzjarju lill-Ukrajna skont il-qafas tal-Pjan għall-Ukrajna. Filwaqt li tali appoġġ jista' jieħu l-forma ta' self jew għotjiet, jew taħlita ta' dawn, dan l-artikolu jkopri biss l-element ta' għotja tal-assistenza finanzjarja taħt il-Pilastru I tal-Faċilità tal-Ukrajna. Il-fondi se jiġu pprovduti abbażi tal-implimentazzjoni tal-Pjan għall-Ukrajna, li se jkun mirfud minn sett ta' kundizzjonijiet u skeda ta' żmien għall-iżborżi miftiehma mal-UE. Dan il-Pjan se jinkludi l-viżjoni tal-Ukrajna għall-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni tal-pajjiż u għar-riformi u investimenti li biħsiebha twettaq bħala parti mill-proċess ta' adeżjoni tagħha mal-UE. Se ssir enfasi sinifikanti fuq ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, il-governanza tajba, l-istat tad-dritt, u l-ġestjoni finanzjarja tajba, inkluż it-trawwim ta' sistemi ta' ġestjoni u kontroll effiċjenti u effettivi u enfasi qawwija fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u kontra l-frodi jew kwalunkwe attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, iżda wkoll riformi u approssimazzjoni oħra mal-acquis tal-Unjoni li jirfdu l-proċess ta' adeżjoni u l-modernizzazzjoni tal-ekonomija. Il-fondi se jiġu żborżati abbażi tal-issodisfar ta' dawn il-kundizzjonalitajiet.

### **Artikolu 16 06 02 — Pilastru II: Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna**

#### *Kummenti*

#### Artikolu Ġdid

Skont il-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna, il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna fil-forma ta' garanzija baġitarja, strumenti finanzjarji jew operazzjonijiet ta' taħlit, inkluża assistenza teknika. Dan il-Qafas għandu l-għan li jattira u jimmobilizza l-investimenti privati u pubbliċi fl-irkupru u r-rikostruzzjoni tal-Ukrajna, filwaqt li jindirizza l-prijoritajiet identifikati fil-Pjan għall-Ukrajna, u jappoġġa l-oġettivi u l-implimentazzjoni tiegħu. Dan se jikkomplementa l-istrumenti eżistenti kollha li jappoġġaw lill-Ukrajna, bħall-garanziji baġitarji u l-operazzjonijiet ta' taħlit, bil-possibbiltà li dawn jiżdedu, meta l-kundizzjonijiet jippermettu dan.

Partita 16 06 02 01 — Proviżjonament tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni

#### *Figuri*

Appropriazzjonijiet 2024		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
		819 000 000	200 000 000	819 000 000	200 000 000

#### *Kummenti*

#### Partita ġdida

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tipprovdi r-riżorsi finanzjarji għall-proviżjonament li għandhom jinżammu mill-Fond ta' Proviżjonament Komuni li jkopri l-operazzjonijiet tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni garantiti mill-Garanzija tal-Ukrajna (kif definit fil-bażi ġuridika li tistabbilixxi l-Faċilità tal-Ukrajna). Id-dħul assenjat jista' jagħti lok għal appropriazzjonijiet addizzjonali.

Partita 16 06 02 02 — Azzjonijiet oħra taħt il-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna

#### *Figuri*

Appropriazzjonijiet 2024		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
		527 065 000	210 826 000	527 065 000	210 826 000

## Kummenti

### Partita ġdida

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiffinanzja l-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna fil-forma ta' strumenti finanzjarji u operazzjonijiet ta' taħlit, inkluża assistenza teknika, skont il-Qafas ta' Investiment tal-Ukrajna. Id-dħul assenjat jista' jagħti lok għal appropriazzjonijiet addizzjonali.

### Artikolu 16 06 03 — Pilastru III: Assistenza tal-Unjoni għall-adeżjoni u miżuri ta' appoġġ

## Kummenti

### Artikolu Ġdid

Din l-appropriazzjoni tipprovdi assistenza teknika u miżuri oħra ta' appoġġ, inkluż il-mobilizzazzjoni tal-għarfien esperti dwar ir-riformi, l-appoġġ lill-muniċipalitajiet, lis-soċjetà ċivili u forom oħra ta' appoġġ bilaterali biex jitfasslu u jġu implimentati riformi relatati mal-adeżjoni tal-UE u biex titrawwem il-kapaċità amministrattiva tal-Ukrajna, b'appoġġ għall-objettivi tal-Pjan. Tista' tappoġġa wkoll miżuri oħra mmirati biex jindirizzaw il-konsegwenzi tal-gwerra, pereżempju relatati mal-infurzar tal-ġustizzja internazzjonali. Dan l-artikolu se jkopri wkoll il-kostijiet tal-funzjonament tal-Bord tal-Verifika tal-Faċilità tal-Ukrajna (inkluż ir-remunerazzjoni ta' konsulenti speċjali, l-ispejjeż tal-missjoni tagħhom u l-kontribuzzjonijiet tal-assigurazzjoni tal-istituzzjoni) kif ukoll is-sussidji tar-rata tal-imgħax għas-self ipprovdut lill-Ukrajna skont il-Pilastru I u skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201 u l-proviżjonament ta' ċerti obligazzjonijiet speċifikati relatati mal-appoġġ tal-Unjoni lill-Ukrajna deċiżi qabel l-istabbiliment tal-Faċilità tal-Ukrajna.

Partita 16 06 03 01 — Assistenza ta' adeżjoni tal-Unjoni u miżuri oħra

## Figuri

Appropriazzjonijiet 2024		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
		155 000 000	77 500 000	155 000 000	77 500 000

## Kummenti

### Partita ġdida

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tappoġġa l-allinjament progressiv tal-Ukrajna mal-"acquis" tal-Unjoni bil-ħsieb ta' sħubija futura fl-Unjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għall-istabbiltà reċiproka, is-sigurtà, il-paċi u l-prosperità. Tali appoġġ huwa maħsub biex jinkludi t-tiżi tal-istat tad-dritt, inkluż l-indipendenza tal-ġudikatura, id-demokrazija, ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, it-tiżi tal-effettività tal-amministrazzjoni pubblika, il-kapaċitajiet istituzzjonali, id-deċentralizzazzjoni, u l-appoġġ għat-trasparenza, ir-riformi strutturali, il-politiki settorjali u l-governanza tajba fil-livelli kollha. Tali appoġġ jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-Pjan. Din il-partita se tkopri wkoll l-appoġġ għas-sħab soċjali, is-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet lokali u reġjonali fl-Ukrajna u miżuri oħra li huma komplementari għall-azzjoni tal-UE, bħall-mekkaniżmi ta' responsabbiltà għall-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja u l-funzjonament tal-Bord tal-Verifika.

Partita 16 06 03 02 — Sussidju għall-kostijiet tas-self

## Figuri

Appropriazzjonijiet 2024		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
		195 333 904	195 333 904	195 333 904	195 333 904

## Kummenti

### Partita ġdida

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-sussidju tal-kost tas-self fuq self ipprovdut lill-Ukrajna permezz tal-Faċilità għall-Ukrajna. Hija maħsuba wkoll biex tkopri s-sussidji tar-rata tal-imgħax għal self ta' assistenza makrofinanzjarja mogħtija skont id-Deċiżjoni (UE) 2022/1628, b'deroga mill-Artikolu 6(3) tagħha, u d-Deċiżjoni (UE) 2022/1201, b'deroga mill-Artikolu 1(3) tagħha.

Partita 16 06 03 03 — Proviżjonament tal-Fond ta' proviżjonament Komuni - Legat

### Figuri

Appropriazzjonijiet 2024		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
		32 533 128	32 533 128	32 533 128	32 533 128

## Kummenti

### Partita ġdida

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex ttipprovi r-riżorsi finanzjarji għall-proviżjonament tal-garanziji baġitarji li mhumiex koperti mill-pakkett finanzjarju msemmi fl-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) 2021/947 f'konformità mar-regoli stabbiliti fit-tielet sentenza tal-Artikolu 31(8) ta' dak ir-Regolament, għall-obbligazzjonijiet finanzjarji tal-mandat ta' self estern kopert fl-Ukrajna skont l-Artikolu 12(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/1628 relatati mal-ammonti ta' self żborżati wara l-15 ta' Lulju 2022 sa EUR 1.586 biljun. Hija maħsuba wkoll biex ttipprovi, b'deroga mill-Artikolu 31(1) tar-Regolament (UE) 2021/947, ir-riżorsi finanzjarji mħallsa fil-proviżjonament ta' 9 % għal assistenza finanzjarja li tkun għadha ma ġietx impenjata fi tmiem l-2023, imsemmija fl-Artikolu 11(1) tad-Deċiżjoni (UE) 2022/1628. Id-dħul assenjat jista' jagħti lok għal appropriazzjonijiet addizzjonali.

## TITOLU 30 — RIŻERVI

### Figuri

Titulu Kapitulu	Intestatura	FF	Appropriazzjonijiet 2024		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
30 01	Riżervi għan-nefqa amministrattiva	7	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
30 02	Riżervi għan-nefqa operazzjonali		90 136 376	61 071 376	501 000 000	23 893 000	591 136 376	84 964 376
30 03	Riżerva negattiva	O	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
30 04	Mekkaniżmi ta' solidarjetà (strumenti speċjali)	S	1 510 861 211	1 301 395 001	189 195 189	364 876 526	1 700 056 400	1 666 271 527
	<b>Titulu 30 — Total</b>		<b>1 600 997 587</b>	<b>1 362 466 377</b>	<b>690 195 189</b>	<b>388 769 526</b>	<b>2 291 192 776</b>	<b>1 751 235 903</b>

## KAPITOLU 30 02 — RIŻERVI GĦAN-NEFQA OPERAZZJONALI

### Figuri

Titulu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	Appropriazzjonijiet 2024		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
		Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
30 02	Riżervi għan-nefqa operazzjonali						
30 02 01	<i>Appropriazzjonijiet mhux differenzjati</i>	p.m.	p.m.	7 450 000	7 450 000	7 450 000	7 450 000
30 02 02	<i>Appropriazzjonijiet differenzjati</i>	90 136 376	61 071 376	493 550 000	16 443 000	583 686 376	77 514 376
	<b>Kapitolu 30 02 — Total</b>	<b>90 136 376</b>	<b>61 071 376</b>	<b>501 000 000</b>	<b>23 893 000</b>	<b>591 136 376</b>	<b>84 964 376</b>

## Artikolu 30 02 01 — Approprjazzjonijiet mhux differenzjati

### Figuri

Approprjazzjonijiet 2024		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
p.m.		7 450 000		7 450 000	

### Kummenti

L-approprjazzjonijiet f'dan it-titolu huma maħsuba għal żewġ ċirkostanzi biss: (a) meta ma jeżisti l-ebda att bażiku għall-azzjoni kkonċernata meta l-baġit ikun stabbilit; u (b) meta jkun hemm raġunijiet serji biex wiehied jiddubita kemm l-approprjazzjonijiet ikunu xierqa jew il-possibilità li l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-linji baġitarji kkonċernati jiġu implimentati skont kundizzjonijiet konsistenti ma' ġestjoni finanzjarja soda. L-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 30 tar-Regolament Finanzjarju għal każijiet taħt il-punt (a) u fl-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju għal każijiet taħt il-punt (b).

It-tqassim huwa kif ġej (impenji, ħlasijiet):

1.	Artikolu	15 01 02	Nefqa ta' appoġġ għall-Faċilità għar-Riforma u t-Tkabir għall-Balkani tal-Punent	7 450 000
				<b>Total</b>
				<b>7 450 000</b>

### Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

## Artikolu 30 02 02 — Approprjazzjonijiet differenzjati

### Figuri

Approprjazzjonijiet 2024		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
90 136 376	61 071 376	493 550 000	16 443 000	583 686 376	77 514 376

### Kummenti

L-approprjazzjonijiet f'dan it-titolu huma maħsuba għal żewġ ċirkostanzi biss: (a) meta ma jeżisti l-ebda att bażiku għall-azzjoni kkonċernata meta l-baġit ikun stabbilit; u (b) fejn ikun hemm raġunijiet serji li wiehied jiddubita kemm l-approprjazzjonijiet ikunu xierqa jew il-possibilità li l-approprjazzjonijiet imdaħħla fil-linji baġitarji kkonċernati jkunu implimentati skont kundizzjonijiet konsistenti ma' ġestjoni finanzjarja soda. L-approprjazzjonijiet imdaħħla f'dan l-artikolu jistgħu jintużaw biss wara t-trasferiment skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31 tar-Regolament Finanzjarju.

It-tqassim huwa kif ġej (impenji, ħlasijiet):

1.	Artikolu	02 10 06	Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER)	1 830 000	1 830 000
2.	Artikolu	03 10 05	Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus (AMLA)	5 107 785	5 107 785
3.	Artikolu	07 10 07	L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust)	2 158 000	1 693 000

4.	Artikolu	08 05 01	Stabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni f'ilmijiet ta' pajjiżi terzi	66 850 000	38 250 000
5.	Artikolu	09 10 01	L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi — Direttivi u Konvenzjonijiet internazzjonali ambjentali	2 216 153	2 216 153
6.	Artikolu	09 10 02	L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent	5 170 438	5 170 438
7.	Artikolu	11 10 02	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva tas-Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira fl-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (eu-LISA)	4 763 000	4 763 000
8.	Artikolu	12 10 01	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol)	2 041 000	2 041 000
9.	Artikolu	15 03 01	Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent – Nefqa operazzjonali	403 550 000	p.m.
10.	Artikolu	15 03 02	Faċilità għar-Riforma u t-Tkabbir għall-Balkani tal-Punent - Proviżjonament tal-Fond ta' Proviżjonament Komuni	90 000 000	16 443 000
<b>Total</b>				<b>583 686 376</b>	<b>77 514 376</b>

### Bażi ġuridika

Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

## KAPITOLU 30 04 — MEKKANIŻMI TA' SOLIDARJETÀ (STRUMENTI SPEĊJALI)

### Figuri

Titolu Kapitulu Artikolu Partita	Intestatura	FF	Approprjazzjonijiet 2024		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
			Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
30 04	Mekkaniżmi ta' solidarjetà (strumenti speċjali)							
<b>30 04 01</b>	<b>Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR)</b>							
30 04 01 01	Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea	S	1 301 395 001	1 301 395 001	-207 213 983	-207 213 983	1 094 181 018	1 094 181 018
30 04 01 02	Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza	S			572 090 509	572 090 509	572 090 509	572 090 509
	<i>Artikolu 30 04 01 — Sub-total</i>		1 301 395 001	1 301 395 001	364 876 526	364 876 526	1 666 271 527	1 666 271 527
<b>30 04 02</b>	<b>Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssenjati (FEG)</b>	S	209 466 210	p.m.	-175 681 337		33 784 873	p.m.
<b>30 04 03</b>	<b>Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (BAR)</b>	S	p.m.	p.m.			p.m.	p.m.
<b>Kapitolu 30 04 — Total</b>			<b>1 510 861 211</b>	<b>1 301 395 001</b>	<b>189 195 189</b>	<b>364 876 526</b>	<b>1 700 056 400</b>	<b>1 666 271 527</b>

### Artikolu 30 04 01 — Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR)

Partita 30 04 01 01 — Riżerva ta' Solidarjetà Ewropea

### Figuri

Approprjazzjonijiet 2024		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
1 301 395 001	1 301 395 001	-207 213 983	-207 213 983	1 094 181 018	1 094 181 018

### Kummenti

Artikolu preċedenti 30 04 01 (parti)

Ir-riżerva Ewropea ta' Solidarjetà tista' tintuża biex tiffinanzja assistenza b'rispons għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza li jirriżultaw minn diżastri kbar li huma koperti mill-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea, li l-oġettivi u l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu huma stabbiliti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3).

#### *Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

#### *Atti ta' referenza*

Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.02.2024).

Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433, I, 22.12.2020, p. 28).

Partita 30 04 01 02 — Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza

#### *Figuri*

Approprjazzjonijiet 2024		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
Impenji	Filasijiet	Impenji	Filasijiet	Impenji	Filasijiet
		572 090 509	572 090 509	572 090 509	572 090 509

#### *Kummenti*

Artikolu preċedenti 30 04 01 (parti)

Ir-Riżerva ta' Għajnuna ta' Emerġenza tista' tintuża għal rispons rapidu fi ħtiġijiet ta' emerġenza speċifiċi fl-Unjoni jew f'pajjiżi terzi wara avvenimenti li ma setgħux ikunu previsti meta ġie stabbilit il-baġit, b'mod partikolari għal rispons ta' emerġenza u operazzjonijiet ta' appoġġ wara diżastri naturali jew ikkawżati mill-bniedem, kriżijiet umanitarji, f'każijiet ta' saħħa pubblika fuq skala kbira, theddid veterinarju jew fitosanitarju, kif ukoll f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni partikolari li tirriżulta minn flussi migratorji fil-fruntieri esterni tal-Unjoni fejn iċ-ċirkustanzi jkunu jeħtieġu hekk.

#### *Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

#### *Atti ta' referenza*

Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.02.2024).

Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433, I, 22.12.2020, p. 28).

**Artikolu 30 04 02 — Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG)**

*Figuri*

Approprjazzjonijiet 2024		Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2024		Ammont ġdid	
Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet	Impenji	Ħlasijiet
209 466 210	p.m.	-175 681 337		33 784 873	p.m.

*Kummenti*

L-għan ta' din ir-riżerva huwa li tkopri l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) sabiex l-Unjoni tkun tista' turi solidarjetà u tipprovdi appoġġ lill-persuni li jkunu tilfu l-impjieg tagħhom minħabba bidliet strutturali kbar ikkawżati minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni.

L-objettiv tal-FEG huwa li tintwera solidarjetà u jiġi promoss l-impjieg deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi joffri assistenza lill-ħaddiema li ġew issensjati minħabba avvenimenti ta' ristrutturar kbar. Dawk l-avvenimenti jistgħu jirriżultaw b'mod partikolari minn sfidi relatati mal-globalizzazzjoni, bħal bidliet fix-xejriet tal-kummerċ globali, tilwim kummerċjali, tibdil sinifikanti fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni jew fil-kompożizzjoni tas-suq intern u kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, id-diġitalizzazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni. Il-FEG b'hekk japoġġa lill-ħaddiema ssensjati biex jirritornaw f'impjieg deċenti u sostenibbli mill-aktar fis possibbli. Enfasi titqiegħed fuq miżuri li jgħinu l-aktar gruppi żvantaġġati.

L-ammont massimu annwali għall-FEG huwa stabbilit fil-QFP 2021-2027. Il-metodi għad-dħul tal-appropriazzjonijiet f'din ir-riżerva u għall-mobilizzazzjoni tal-FEG huma stipulati fil-Punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprja ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprja ġodda.

*Bażi ġuridika*

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

Ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48).

*Atti ta' referenza*

Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.02.2024).

Il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprja ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprja ġodda (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28).

---